MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 2790/1998/1

George Cini u martu Pauline Cini

Vs

Frans Mifsud li jiggestixxi d-ditta
“Heavy Duty – Aluminium & Iron Works”

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-22 ta’ Dicembru 1998 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew li huma kienu taw lill-konvenut kuntratt ta’ appalt ghal xoghol ta’ hadid galvanizzat li kellu jigi stallat fi stabbiliment kummercjali u hallsu lill-istess konvenut is-somma ta’ tlett mitt lira (LM300) bhala depozitu, u dan kif jirrizulta mill-annessa skrittura tat-2 ta’ April 1998; illi skond din il-konvenut intrabat u obbliga ruhu li jlesti u jikkompleta x-xoghol kollu entro t-13 ta’ Gunju, 1998 u dana taht penali ta’ mitt lira (LM100) fil-gimgha pagabbli mill-konvenut lill-atturi f’kaz li hu jonqos milli jittermina x-xoghol entro z-zmien pattwit; illi l-konvenut naqas milli jittermina x-xoghol entro z-zmien

pattwit; illi l-atturi interpellaw lill-konvenut permezz ta' ittra bonarja datata 10 ta' Lulju, 1998 u, filwaqt li rrilevaw illi x-xoghol ma kienx gie kompletat skond il-ftehim, l-istess atturi taw gimgha zmien lill-konvenut sabiex ilesti x-xoghol, b'rizerva ghall-azzjoni ghad-danni, u b'intimazzjoni cara illi, f'kaz ta' non adempiment, kienu qed jitterminawlu l-appalt u jinkarigaw lill-terzi ghall-ezekuzzjoni tal-istess xoghol; illi minkejja dan il-konvenut baqa' inadempjenti u qatt ma kkompleta x-xoghol u wisq anqas ikkonsenjah lill-atturi; illi minhabba f'hekk l-atturi kellhom jikkuntrattaw ix-xoghol ta' terzi, u cioe J. Lautier Co. Limited, u dan bi prezz ghola minhabba t-trapass taz-zmien; illi l-atturi sofrew danni minhabba l-inadempjenza tal-konvenut stante illi huma ma setghux joperaw in-negozju taghhom mill-istabiliment in kwistjoni; l-atturi ukoll sofrew danni ohrajn konsistenti f'telefonati fuq il-mobile phone tal-konvenut fiz-zmien kollu illi damu jigru warajh sabiex ilesti x-xoghol pattwit; talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-konvenut naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu illi jittermina x-xoghol lilu nkarigat entro it-terminu pattwit;
2. tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa responsabbli ghal hlas ta' penali ta' mitt lira (LM100) fil-gimgha ghal kull gimgha ta' ritard b'effett mit-13 ta' Gunju, 1998;
3. tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa responsabbli ghal hlas tad-danni kif fuq espost minnu kkagunati lill-atturi minhabba n-non adempiment tieghu;
4. tillikwida l-ammont ta' penali dovuta mill-konvenut lill-atturi skond il-ftehim tat-2 ta' April, 1998;
5. tillikwida d-danni l-ohra dovuti mill-konvenut lill-atturi, skond kif fuq espost;
6. tikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tal-penali u danni kif likwidati;
7. tikkundanna lill-konvenut biex jirrifondi lill-atturi s-somma ta' tliet mitt lira maltija (LM300) lilu mhallsa mill-atturi bhala depozitu, skond kif espost.

Bl-ispejjes kollha, inkluz dawk tal-ittra bonarja tal-10 ta' Lulju, 1998 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat illum stess u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-28 ta' Settembru 1999 li permezz taghha eccepixxa:-
1. illi dawk ix-xogholijiet li kellu jezegwixxi tlestew skond ma titlob is-sengha u l-arti;
2. illi huwa ma setgha qatt jezegwixxi l-kumplament tal-inkarigu tieghu u dan peress li l-atturi bidlu kemm-il darba l-ispecifikazzjonijiet tal-ordni taghhom;
3. illi l-ebda penali ma hi dovuta stante li, wkoll, li x-xoghol ma tlestiex tort unikament tal-atturi kif fuq intqal;
4. illi huwa l-eccipjenti illi sofra d-danni u mhux l-atturi u dan stante li l-atturi qabdu u tterminaw il-kuntratt ta' appalt minghajr l-ebda gustifikazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut fejn ippremetta illi l-atturi kienu ghamlu zewg ordnijiet konsistenti f'xoghol tal-aluminium minghand il-konvenut rikonvenzjonant, u cioe wiehed fl-ammont ta' LM900 u dan skond ma jirrizulta mid-dokument anness Dok A, u LM75 prezz ta' hgieg li kellu jwahhal ma' l-istess xoghol, u l-iehor fl-ammont ta' LM180 u dan skond ma jirrizulta mid-dokument anness Dok B; illi l-ewwel ordni tlestiet u x-xoghol twahhal fuq il-post, u ta' dan ix-xoghol, il-konvenut rikonvenzjonant thallas biss seba' mitt lira (LM700) u ghad fadallu bilanc x'jithallas; illi dwar it-tieni ordni, x-xoghol kien jikkonsisti f'bibien u twieqi tal-kamra tal-banju u l-prezz tal-materjal u tax-xoghol kien ta' mija u tmenin lira (LM180), liema ammont il-konvenut ghadu ma rceviex; illi l-konvenut gie li twaqqaf mill-kuntratt ta' appalt minghajr raguni valida; illi l-atturi gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont minnhom dovut u jersqu ghal likwidazzjoni u hlas ta' danni, dawn baqghu inadempjenti; talab li din il-Qorti:-
1. tiddikjara li l-atturi ghad fadallhom jaghtu bilanc lill-konvenut rikonvenzjonant;
2. tillikwida dan il-bilanc dovut okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut l-ammont hekk likwidat;
4. tiddikjara lill-atturi responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut bhala konsegwenza tal-ksur tal-kuntratt ta' appalt minghajr ebda raguni valida;
5. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
6. tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut d-danni likwidati.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-atturi li huma minn issa ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut rikonvenzjonant kif ukoll id-dokumenti ezebiti minnu.

Rat in-nota responsiva ta' l-atturi ghal kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha eccepew:-
1. illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi fir-realta' l-esponenti kellhom ragunijiet validi fil-ligi biex jitterminaw l-appalt minnhom moghti lill-konvenut stante illi huwa naqas milli jittermina l-appalt lilu moghti entro t-terminu taz-zmien pattwit;
2. illi ghalhekk il-konvenut ma ghandu ebda dritt jirreklama ebda danni fil-konfront taghhom;
3. illi ghar-rigward ta' l-allegati ammonti bilancjali dovuti lil-konvenut, jirrizulta b'mod car, mill-istess talbiet tal-konvenut illi lanqas huwa stess ma jaf x'qed jippretendi u x'bilanc allegat ghadu lilu dovut u ghaldaqstant it-talbiet tieghu f'dan ir-rigward ghandhom jigu respinti;
4. illi l-esponenti mhumiex debituri tal-konvenut izda fir-realta' huwa l-konvenut li huwa debitur taghhom u ghalhekk giet istitwita l-kawza odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezibiti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Ottubru, 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-8 ta' Marzu 2000 biex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Mejju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza wara li l-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi ohra.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talbiet reciproci tal-kontendenti rizultanti minn diversi appalti li nghataw mill-atturi lill-konvenut ghall-xogholijiet ta' aluminium u hadid. In effetti bejn il-kontendenti jirrizulta li kien hemm tlett kuntratti u cioe dak tal-25 ta' Ottubru 1996 rigwardanti bibien, twieqi u xi sky tops bil-valur ta' LM975; dak tat-30 ta' Ottubru 1996 koncernanti bibien u twieqi fil-bathroom proprjeta' ta' l-atturi bil-valur ta' LM180; u finalment dak tat-2 ta' April 1998 li jikkoncerna gallarija, twieqi u roof fencing bil-valur ta' LM700.

Il-partijiet jirriferu ghall-ewwel zewg appalti bhala x-xoghol tal-aluminium, filwaqt li ghat-tieni kuntratt bhala x-xoghol tal-hadid. Ghalhekk a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti hekk sejra tirriferi ghalihom aktar il-quddiem.

Ma hemmx kontestazzjoni li x-xoghol tal-aluminium gie esegwit u stallat mill-konvenut a sodisfazzjoni ta' l-atturi. F'dan ir-rigward izda l-konvenut ippresenta kontro talba nkwantu qed isostni li huwa ghadu kreditur ta' certa ammont bilancjali fuq il-prezz miftiehem. Ghal dak li jirrigwarda x-xoghol tal-hadid gie stabbilit li effettivament dan ma giex esegwit mill-konvenut u li l-atturi ordnaw dan ix-xoghol, u anke xoghol iehor oltre dak ordnat minghand il-konvenut, mid-ditta J. Lautier.

Il-ftehim tat-2 ta' April 1998 li jifforma l-bazi tal-azzjoni attrici u ghalhekk kull kwistjoni dwaru ghandha tigi kkunsidrata qabel il-kontro-talba tal-konvenut, jghid hekk:- *"I Mr Frans Mifsud agree to complete all work by the 13th June 1998. (Time for galvanising is not included.) A*

*penalty of LM100 per week to complete work will be charged if work is not completed by the stated time.*
*“From the other side I Mr George Cini agree to pay a deposit of LM300 before the beginning of work. I also agree to pay Mr Frans Mifsud the sum of LM100 per week if the amount due is not paid within a week from the date of completition.”*

Ma din l-obbligazzjoni reciproca tal-kontendenti kien hemm anness il-lista tax-xogholijiet li kellhom jsiru mill-konvenut bl-annotamenti dwar dawk l-affarijiet li ma kienux qed jigu inkluzi. Din taqra hekk:
*“Manufacture and install of:-*
*8 in No. Security iron windows*
*two in No. Security iron doors*
*one in No. iron balcony to fix by 9-5-98.*
*Roof fens (sic) at LM4 per foot*
*LM700.*

- *Arrow heads not included*
- *Galvanizing not included*
- *Painting not included.*

Fl-10 ta’ Lulju 1998 Dr. Toni Abela ghan-nom ta’l-attur George Cini baghad ittra interpellatorja lill-konvenut fejn wara li gharfu bit-terminu tal-esekuzzjoni tal-kuntratt lilu fdat u bil-penali miftehma f’kaz ta’ mora, infurmah li l-attur odjern kien qed jghatih gimgha ohra zmien biex jlesti x-xoghol u fin-nuqqas jzommu responsabbli ghad-danni u “*jghaddi biex jordna x-xoghol ghand haddiehor.”*

Gara pero’ li l-konvenut ma lestiex u lanqas ikkonsenja x-xoghol li kien intrabat li jaghmel u ghalhekk l-atturi inkarigaw lis-socjeta’ J. Lautier Co. Ltd biex tezegwixxi x-xoghol u fit-22 ta’ Dicembru 1998 istitwew dawn il-proceduri kontra l-konvenut fejn qed jintalab dikjarazzjoni ta’ inadempjenza kuntrattwali, responsabbilita’ ghal hlas tal-penali u kundanna ghall-istess, responsabbilita’ u hlas ta’ danni minhabba zieda fil-prezz u spejjes inkorsi. Dawn it-talbiet sejrin jigu ezaminati separatament.

**Inadempjenza kuntrattwali.**

Bil-ftehim tat-2 ta' April 1998 il-konvenut kien obbliga ruhu li jaghmel ix-xogholijiet miftehema sat-13 ta' Gunju 1998. Ma hemmx kontestazzjoni li dawn ix-xogholijiet ma gewx ezegwiti u dan l-anqas wara l-interpellazzjoni fuq imsemmija li saret cirka xhar wara li skada it-terminu. Ghalhekk strettament jista' jinghad li l-konvenut kien inadempjenti u li konsegwentement ghandu jbati l-konsegwenzi rizultanti minn dan in-nuqqas tieghu. Il-konvenut izda qed isostni li l-inadempjenza tieghu kienet rizultat ta' bdil fil-fehema tal-atturi dwar il-mod kif kellu jigi ezegwit il-kuntratt. Infatti l-konvenut xhed li cirka tlett gimghat wara li gie ffirmat il-ftehim, kien cempillu l-attur u wara li dan ikkonferma mal-konvenut li x-xoghol ma kienx inbeda u l-materjal ma kienx ghadu gie mixtri, beda jinsisti fuq certa tibdiliet fil-kuntratt billi ried li jkunu inkluzi l-vleggeg (arrow heads); li l-materjal jkun ta' hxuna akbar u ried li z-zebgha jsir mill-konvenut. Il-konvenut kompla jghid li fuq dan is-suggeriment huwa irrisponda lill-attur li dawn l-affarijiet godda (li ma kienux inkluzi fl-ewwel kuntratt) kienu jimportaw zieda fil-prezz. Il-konvenut jkompli jghid li l-attur talbu jaghmel stima gdida izda meta din giet mgharfa lillu dan ma accettahiex, u talab ir-rifuzjoni tad-depozitu li kien sar minghand il-konvenut. Da parti taghhom l-atturi jinsistu li huma qatt ma talbu xi varjazzjoni mill-kuntratt originali u cioe li huma dejjem insistew li l-konvenut jezegwixxi u jikkonsenjalhom dak li kien gie miftiehem.

Is-sottomissjoni tal-konvenut kif fuq inghad kienet tkun wahda valida in sostenn tat-tieni eccezzjoni tieghu billi wkoll kienet timporta mhux biss l-impossibilita' tal-ezekuzzjoni tax-xoghol a termini tal-ftehim originali, izda ghandha fiha nsita t-terminazzjoni tal-appalt bit-talba ghar-restituzzjoni tad-depozitu maghmul. Din il-Qorti izda ma hijiex konvinta li dak li qed jghid il-konvenut huwa minnu ghas-segwenti ragunijiet:-

a) dak li xhed il-konvenut huwa kontradett b'mod assolut mill-atturi;

b) ma jirrizulta ebda dokument fejn l-konvenut allegatament ghamel stima gdida fejn jinkludi x-xogholijiet 'extra' u jghid biss li qal lill-attur b'dan fuq it-telefon. Issa meta ssir stima bil-miktub wiehed jistenna li kull

varjazzjoni fuq dak kontenut fiha tkun sorretta b'xi dokument, izjed u izjed meta z-zidiet li l-konvenut jallega li talab l-attur kienu sostanzjali u anke jmorru kontra dak li kien hemm fil-ftehim originali. Dan senjatament qed jinghad fir-rigward tal-vleggeg u z-zebgha. Fl-assenza ta' dan id-dokument il-Qorti trid toqghod fuq dak esibit in atti ffirmat mill-partijiet;

c) l-atturi jghidu li huma kienu jinsistu mal-konvenut biex jlesti x-xoghol u dan kien jwieghdhom u anke jurihom l-materjal li kien xtara. Din l-allegazzjoni qatt ma giet michuda mill-konvenut u tmur direttament kontra dak li allega l-konvenut aktar-il fuq.

d) fl-ahharnett jirrizulta li meta l-konvenut gie interpellat bl-ittra ta' l-10 ta' Lulju 1998 huwa lanqas biss ma indenja ruhu li jirrispondi ghaliha billi fost affarijiet ohra jirrileva li ma setghax jezegwixxi x-xoghol minhabba bdil fl-ordni, inoltre jekk huwa minnu li l-ftehim kien twarrab, kif jallega l-konvenut, meta l-atturi ma accettawx li stima l-gdida li l-konvenut jghid li ghamel, x'kien li skop tal-ittra tal-10 ta' Lulju 1998 u anke ghaliex l-konvenut ma rrispondiex bis-semplici dikjarazzjoni li hu ma kellu jaghmel xejn ghall-atturi.

Minn dan jidher li l-konvenut naqas li jezegwixxi l-obbligi tieghu skond l-ftehim tat-2 ta' April 1998.

**Penali**

Il-ftehim tat-2 ta' April 1998 jikkontempla l-hlas ta' penali ta' LM100 fil-gimgha ghal kull gimgha dewmien fil-konsenja tax-xoghol intrapriz mill-konvenut. L-artikolu 1125 tal-Kodici Civili jiddisponi li "*Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni.*" Imbaghad l-artikolu 1138 jkompli jiddisponi li *"Meta l-ftehim jistabilixxi illi l-parti li tonqos mill-esekuzzjoni tieghu ghandha thallas somma determinata bhala danni, ma tistax tigi moghtija lill-parti l-ohra somma akbar jew izghar."*

Fil-kaz in ezami l-konvenut kien obbliga ruhu li jikkonsenja l-oggetti ordnati mhux aktar tard mit-13 ta' Gunju 1998, izda b'ittra ta' l-10 ta' Lulju 1998 l-istess atturi kienu

estendew it-terminu ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt sa gimgha wara d-data tal-ittra interpellatorja u cioe is-17 ta' Lulju 1998. Ghalhekk kull komputazzjoni tal-penali trid tibda titqies mill-iskdenza ta' dan it-terminu estiz.

Minhabba l-inadempjenza tal-konvenut l-atturi kellhom jinkarigaw s-socjeta' J. Lautier Co Ltd biex tezegwixxi x-xoghol gia ordnat minghand il-konvenut. In effetti jirrizulta mix-xhieda ta' Emanuel Lautier li din is-socjeta' giet avvicinata fis-7 ta' Lulju 1998 filwaqt li l-inkarigu kien inghata fis-27 ta' Lulju 1998 kif jirrizulta mill-kuntratt ezebit a fol 63 tal-process. Dan id-dokument ma jindikax meta kellu jitlesta x-xoghol biss jidher li x-xoghol ordnat mis-socjeta' Lautier kien ferm izjed ta' volum minn dak li kellu jezegwixxi l-konvenut. Il-kuntratt tat-2 ta' April 1998 bejn il-kontendenti kien jikkontempla gallarija tal-hadid, tmien titwieqi u zewg bibien, u 'roof fence'. Mentri l-kuntratt mas-socjeta' Lautier jikkomprendi (a) tlett gallariji; (b) roof fence; (c) tmien titwieqi; (d) zewg bibien; (e) staircase complete; (f) base u reses complete; (g) 5 piece starlite complete; kif ukoll t-tnehhija ta' "old staircase and assembly". Jidher ghalhekk li, kuntrarjament ghal dak li qalu l-atturi, x-xoghol moghti lil Lautier ma kienx jirrispekkja dak ordnat minn ghand il-konvenut. Konsegwentement kwalunkwe zmien li s-socjeta' Lautier hadet biex jezegwit x-xoghol lilha ordnat, huwa ghal kollox irrilevanti fil-komputazzjoni tal-penali reklamata mill-atturi. Fl-assenza ta' kull prova konkreta fir-rigward din il-Qorti hija tal-fehma li, "*comparing like with like*" s-socjeta' Lautier ma kellhiex iddum aktar miz-zmien li l-konvenut kien intrabat biex jlesti x-xogholijiet in kwistjoni u cioe cirka 11 il-gimgha. Min dan il-perjodu izda, ghal fini tal-komputazzjoni tal-penali, jridu jonqsu hames gimghat u cioe dak il-perjodu bejn it-13 ta' Gunju 1998 – data tat-terminazzjoni tax-xoghol skond il-kuntratt - u is-17 ta' Lulju 1998, cioe d-data meta l-atturi kkoncedew estensjoni. Jigi ghalhekk li l-konvenut jrid jhallas lill-atturi in via ta' penali prestabbilita kuntrattwalment, is-somma ta' LM600.

**Danni.**

L-atturi qeghdin ukoll jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat jhallas, in linea ta' danni, dak l-ammont li huma hallsu aktar biex saru x-xogholijiet ordnati lilu, bhala konsegwenza tal-inadempjenza tieghu. Din it-talba izda ma tistax tigi kkunsidrata billi kull ammont li l-atturi jistghu jitolbu in linea ta' danni minhabba l-inadempjenza tal-konvenut hi milquta b'dak li jipprovdi l-artikolu 1138 tal-Kodici Civili fuq citat, inkwantu l-obbligat ma jistghax jintolob li jhallas somma akbar minn dik stabbilita' kuntrattwalment.

**Spejjes inkorsi.**

L-atturi wkoll isemmu spejjes li huma ghamlu biex jipprovaw jwasslu lill-konvenut jonora l-obbligi tieghu. Dawn l-ispejjes, li skond l-atturi, jikkonsistu f'numru ta' telefonati bil-mobile lill-konvenut, ukoll ma jistghux jigu kunsidrati minhabba dak li jipprovdi l-artikolu fuq imsemi u fi kwalunkwe kaz lanqas biss ma hemm prova taghhom.
Dwar is-seba' talba attrici, u cioe dik dwar rifuzjoni tad-depozitu ta' LM300, jigi osservat li gialadarba l-konvenut ma onorax l-obbligi tieghu u b'hekk l-kuntratt tat-2 ta' April 1998, li jikkontempla dan id-depozitu, gie terminat ghal raguni valida mill-atturi, l-istess konvenut ghandu, kif sejjer, jigi kkundannat jirrifondi l-ammont depozitat billi dan issa ghandu n-natura ta' pagament indebitu.

**Il-kontro-talba.**

Il-kontro talba tal-konvenut titkellem fuq bilanci dovuti lilu, u danni sofferti minnu bhala konsegwenza tat-terminazzjoni ngusta tal-kuntratt ta' appalt. Dawn it-talbiet jirriferu ghal zewg kwistjonijiet distinti u separati. Il-bilanc li l-konvenut qed jirreklama jikkoncerna l-kuntratti tal-1996 ghall-manifattura u provista ta' effetti ta' l-aluminium, kif jissemmew aktar-il fuq, filwaqt li d-danni sofferti minhabba terminazzjoni tal-appalt minghajr raguni valida, jista' biss jirriferi ghall-kuntratt tat-2 ta' April 1998 u dana billi kif jirrizulta l-appalti tal-1996 kienu gew ezegwiti a sodisfazzjon tal-istess atturi u ghalhekk ma setghax kien hemm terminazzjoni taghhom bil-konsegwenza ta' dritt ghad-danni.

Kif gja rajna aktar-il fuq l-kuntratt tat-2 ta' April 1998 ma giex ezegwit mill-konvenut u kienet din l-inadempjenza tieghu li waslet lill-atturi biex jitterminaw l-kuntratt. Konsegwentement il-konvenut ma jistax jirnexxi f'din il-parti tal-kontro talba tieghu billi t-terminazzjoni kien ghal raguni valida, b'hekk it-talbiet relattivi ser jigu michuda.

Ghar-rigward tal-bilanci reklamati jirrizulta mix-xhieda tal-istess attur George Cini li kien hemm xi ammonti bilancjali dovuti wara li gew ezegwiti x-xogholijiet imsemmija fl-iskritturi tal-25 ta' Ottubru u 30 ta' Ottubru 1996. L-istess attur izda jistqar li ma jafx kemm kien fadallu jhallas, ghalkemm jsostni li dawn kienu affarijiet zghar. Da parti tieghu l-konvenut xhed b'mod kategoriku li wara li kien ezegwixxa x-xoghol kollu indikat fl-ordnijiet fuq imsemmija u dan a sodisfazzjon tal-atturi, kien fadallu jiehu is-somma komplessiva ta' erba' mija hamsa u hamsin lira (LM455) u in sostenn ta' dan ipprezenta 'statement' li jinsab a fol 102 tal-process li juri li fuq il-kuntratt tal-25 ta' Ottubru 1996 kien fadal bilanc ta' LM275 – mis-somma totali ta' LM975, filwaqt li mill-ammont kollu dovut fuq l-kuntratt tat-30 ta' Ottubru 1996 fl-ammont ta' LM180, ma kien thallas xejn. Il-konvenut inoltre spjega li l-attur kien qallu li kien ser jaghtih xoghol iehor u jissalda kollox fl-ahhar. Effettivament x-xoghol li inghata u cioe dak rappresentat mill-kuntratt tat-2 ta' April 1998 qatt ma gie ezegwit u ghalhekk filwaqt li l-attur talab rifuzjoni tad-depozitu ta' LM300 maghmul fl-okkazzjoni tal-kuntratt tat-2 ta' April 1998, l-konvenut insista li dik is-somma ghandha tmur akkont tal-kreditu tieghu fuq l-kuntratti precedenti.

L-atturi ma resqu ebda prova kontrarja fir-rigward tal-pretensjoni tal-konvenut ghas-somma ta' LM455 u ghalhekk din il-Qorti, anke minhabba dak li ntqal hawn fuq, tiddikjara lill-konvenut kreditur tal-atturi fis-somma imsemmija. Jirrizulta pero' li dan l-ammont kien gja dovut fid-data meta gie terminat l-kuntratt tat-2 ta' April 1998, liema terminazzjoni tat id-dritt lill-atturi li jitolbu r-rifuzjoni tad-depositu minnhom maghmul. Ghalhekk f'dak il-waqt saret tpacija taz-zewg krediti sal ammont ta' LM300 b'dana li l-konvenut issa baqalu jiehu bilanc ta' LM155.00

oltre l-imghax ta' tmienja fil-mija mis-17 ta' Lulju 1998, u cioe wara li sehhet it-tpacija.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza kif sejjer jinghad:-

**Fir-rigward tat-talba principali:**

a) tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba' u dik il-parti mis-sitt talba li tikkoncerna l-kundanna ghall-hlas tal-penali;

b) tichad il-hames talba u dik il-parti mis-sitt talba li tikkoncerna l-kundanna ghall-hlas tad-danni l-ohra;

c) konsegwentement tiddikjara l-konvenut inadempjenti fl-obbligi kuntrattwali naxxenti mill-iskrittura tat-2 ta' April 1998;

d) tillikwida l-penali dovut minhabba din l-inadempjenza fis-somma ta' sitt mitt lira maltin (LM600) u tikkundanna lill-konvenut jhallas din is-somma lill-atturi bl-imghax legali mil-lum;

e) tiddikjara l-ammont ta' tlett mitt lira (LM300) dovut lill-atturi b'rifuzjoni ta' depositu maghmul fl-okkazzjoni tal-iskrittura tat-2 ta' April, 1998 b'dan li dan l-kreditu jinsab pacut ma ammont akbar dovut lill-konvenut kif sejjer jinghad hawn taht;

**Fir-rigward tal-kontro-talba**

a) Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali u tichad ir-raba', il-hames u is-sitt talbiet tal-konvenut rikonvenzjonat;

b) Tiddikjara li l-konvenut kien fadallu jiehu minn ghand l-atturi s-somma bilancjali ta' erba' mija hamsa u hamsin lira (LM455.00) fuq l-appalti tal-25 u 30 ta' Ottubru 1996;

c) Tikkundanna lill-atturi jhallsu lill-konvenut is-somma bilancjali ta' mija hamsa u hamsin lira maltin (LM155.00) bl-imghax legali mis-17 ta' Lulju 1998, billi in parti l-kreditu dikjarat dovut in forza ta' l-ewwel u t-tieni talbiet rikonvenzjonali, gie pacut mal-ammont depositat mal-konvenut fl-okkazzjoni tal-iffirmar tal-iskrittura tat-2 ta' April, 1998.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu kwantu ghall-terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri